## LILL-MADONNA TA' LOURDES F'EGHLUQ IL-ĠUBLEW TA' L-1933

26-28 ta' April 1935

Ħares, Madonna: fuq il-ġnus ħosbiena
għaddejja sħaba sewda, berreqija:
kulħadd imbażża' qiegħed jitlob ħniena,
biex l-Ewropa ma tmutx f'baħar ta' dmija.

Għax aħna nafu li Sultan-il-ħiena
iħaddem moħħu w qalbu fil-ħruxija;
u jekk ilbieraħ kienu l-għodda ħżiena
tal-ġlied, il-lum saru bla tarf waħxija.

Inti li taf kif jiżen il-Mulej,
u taf kif jgħabbar in-nirien tal-Qilla
bl-ilma tal-Ħajr, meta tibki l-Indiema,

tħallix, Madonna, li tintemm fix-xej'
it-Talba tal-ġwejdin: miktub ewwilla
li qatt id-dinja m'għandha jkollha SLIEMA?

Nhar Ħamis-ix-Xirka

## QASSIS ĠDID (1)

*Euntes... praedicate Evangelium*

Xterdu mad-dinja; lill-ġnus kollha niedu
l-aħbar it-tajba li ġibtilkom jiena:
iġbdu bil-ħlewwa lit-tajbin; mal-ħżiena
kunu qlubin daqs kemm tkun ħarxa l-ġlieda.

Jiena nkun magħkom: u għalxejn qerrieda
tgħaddi x-xabla ta' Setgħa mingħajr ħniena,
għax jiġġarrfu s-saltniet bis-snin għajjiena
u l-Knisja tiegħi tibqa' żżid f'uliedha.

Hekk wara l-Qawma lit-Tnax àmar Kristu,
u l-Kelma waslet ġewwa Ateni u Ruma,
u xegħlu żewġ nirien: l-Għira w l-Imħabba.

Issa wasal għalik l-àmar ta' Kristu,
Saċerdot ġdid: bħal Pawlu ġewwa Ruma
xandar l-aħbar tas-Sliem u ta' l-Imħabba.

Nhar l-Għid-il-Kbir, 1935

**Dun Karm**

(1) Dun Pawl Calleja tal-Mosta.

## GĦAJDUT MALTI

*(Jissokta mal-paġ. 143 tal-Għaxar sena),*

149. Kif ħabat laħaq.
150. Dak jobromhom.
151. Ruħ ta' fula.
152. B'xierfu kollu.
153. Iddabbar rasek.
154. Ħabat sebgħu.
155. Jew ass jew ċass.
156. Ta' ħajja nxuma.
157. Minnek 'l Alla.
158. Ħalib ommu fi snienu.
159. Qalbu f'idejh.
160. Qalbu ġġib.
161. Wiċċu jixhidlu.
162. Ta' żaqqu f'fommu.
163. Ħabba jrid u jikxifni.
164. Ħorrox borrox.
165. La kap u la kuda.
166. Xiber nies.
167. L-iskusa fil-komma.
168. Ferħan b'rixu.
169. Il-ħabel u s-satal.
170. Kelb u qattus.
171. Min qatt kiel il-kirxa miegħek!
172. It-tilqim tal-ġidri meraħlu għal wiċċu.
173. Kemm ra fuq wiċċu sa trabba.
174. Żelaq fin-niexef
175. Ilu 50 sena bil-magħmul.
176. Waqa' fil-bir tas-skieken.
177. Alla m'għamlu.
178. Ilu minn żmien żemżem.
179. Waqa' l-ass.
180. Qabad it-trieq it-twila.
181. Ħabat difru.
182. Ħabta u sabta.
183. Tarah il-qamar fil-bir.
184. Jien bandiera bajda.
185. Ma rridux ħabbata wara l-bieb.
186. Ma rridx inkun sufa f'ġismu.
187. Ajma jommi!
188. Dak biċċa deheb mastizz.

\SQ. Fula fqargfta.
190. Tala' d-demm għal rasu.
191* Hohż u ġobon.
;92. Hubż u sikkina
193. Xammha tinten.
194 Kisirlu għonqu.
195. Tcħles b'wiċċ il-ġid
|96. Uħandu wiċċ il-musbieħ.
197. Jagħmilha tajjeb.
198 Basta r-rota ddur.
199. Daħħal il-lifgħa fkommtu.
200. Bejn in-nar u l-ilma.
201. Usalna f'xiter it-tarf.
202. Bejn sema u ilma.
203. Moħħu jtih
204. Mad-daqqa t'għajn.
205. Alla ma għamlu.
206. Qieb għajnejh wara widnejh.
207. Ta'fommu sieket.
208. Wiċċu jtih.
209- Spallejh mal-ħajt.
210. Qħadu żinżill.

V. M. B.

IL-HRAFA TA' KIF IL-MEWI HIJA QĦAMJA U TRUXA

Il-Bambin bagħat il-Mewt għal waħda **armla;** meta marret (il-mewt) sabet Itl dinil-mara b'ħafna tfal iġebbdu ma'djulha li matafx fejn tagħti rasha bihom. Il-Mewt tħassrithom lil dawk it-tfal limajridux ħlief minn ommhom, ul-mara li kienet tinsab hekk unħabbta. Marret quddiem il-Bambin. Qaltlu:

—Uh, Mulej, kiftridni nġibha? Tħassart lilha u lit-tfal tagħha"

"Mur ġibli ċagħka minn nofs ta[1] baħar/' qallha.

Meta ġibitlu ċ-ċagħk.i, qasamhielha; sab duda ġo fiha— qallha: "Dik imnejn hitgħix?"

" Mill-ħniena tiegħek, j tMulej" •i^^**a**&ffr

"U hekk igħixu dawk mill-ħniena tiegħi kieku ġibt '1 ominhom."

Qalghalha għajnejha usaddilha widnejha biex latara u anqas tisma'.

V. M. B.

# KOTBA Ll WASLULNA

(STAMPATI BL-ALFABETT U BL-ORTOGRAFIJA TAOHNA)

M. KISSAUN.-//-//ayya *tar-Re Qorġ V u tar-Rràinn Kegina Martja* pp. 100 Empire Press, 1935.

Il-festi H Malta għamlet lir-Re ur-Reġina, egħluq il-25 sena tat-tlugħ tagħhom fis-saltna, kienu sbieħ kif satVL^ kulħaJd. F-din 1-okkażjuni 1-lsien malti nsama'JħSfJl" darba fuq ir-Radio, ufdar il-Malti dwiet il-kelma maltija hiex hfraħ utixheq għomor twil lis-slaten tagħha f jum hekk sabiħ F din 1lstess okkażjoni, il-kitba maltija żdiedet b'daqsxejn ta' ktejjeb ta' 100 paġna bil-ġrajja kollha ta'ħajjet ir-Re Ġorġ V u r-Reġina Manja-ktieb li xtered, jew għal l-inqas imissu jixtered, fid-djar koliha ta'Malta biex jibqa' tifkira tas-slaten maħbuba tagħha.

Din il-Ħajja ħadet il-premju fil-konkors li nieda 1-Gvern għal daqshekk, u meta wieħed j.iqra dan id-daqsxejn ta' ktejjeb isibha minsuġa tajjeb u majonqosha xejn. U-ktiebhu mqassam tajjeb u stampat pulit fl-Empire Press u mżewwaq b'seba' stampi mill-ħajja tagħhom, il-biċċa l-kbira meħuda minn ritratti jew kwadri ligħandhom x'jaqsmu ma' Malta.

Q. ORLANDO.—*25 Tqabbila* pp.24 Lux Press, 1935.

Is-sur Quże Orlando stampa, għax maxtaqhomx jintilfu, 25 poeżija milli kiteb hu. Il-poeżija, kif qal hu, dejjem tfakkar lil min jiktibha fħafna mill-bċejjeċ ta'ħajtu, u, mżidu aħna, għal min jaqraha, dejjem fiha xi gost, xi tilewwa, xi sengHa moħbija. Iħpoeżijiet tas-sur Orlando fih^JBkJJJJ^R trijottiiea, u meta wieħed jiftakar fhema żmien inkitbu jista jżomm danil-ktieb bħala tifkira.

* • •

DUN ALWIG OALEA.-*Ħajja ta> San Frangisk di Paola.* pp. 144Lux Press, 1935.